

Brussell, 11 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11006/23

CDR 106

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Regġuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata t-3 ta' Lulju 2023¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Regġuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat li abbażi tiegħu s-Sur Peter KURZ, membru supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni, ġie propost għall-ħatra u ġie maħtur.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

¹ 11544/23.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur KURZ, il-Gvern Ġermaniż ippropona² lis-Sur Wolfram LEIBE, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettoral ta' awtorità lokali, *Oberbürgermeister der Stadt Trier* (Sindku tal-Belt ta' Trier), bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2023 sa tmiem il-mandat attwali fil-25 ta' Jannar 2025.

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 11004/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

² 11003/23.